POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 31/2005

adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2005

bil-għan li jiġi adottat ir-Regolament (KE) Nru …/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea

(2005/C 264 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-liġi Komunitarja, fil-qasam ta' l-ambjent, għandha l-għan li tikkontribwixxi *inter alia* għall-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent u għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

(2) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent ([3])jisħaq fuq l-importanza li tingħata informazzjoni adegwata dwar l-ambjent u l-opportunitajiet effettivi għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-tiswir ta' deċiżjonijiet dwar l-ambjent, sabiex b'hekk tiżdied ir-responsabbiltà u t-trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet u jsir kontribut għall-kuxjenza pubblika u jiżdied l-appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda. Barra dan, il-programm jinkoraġġixxi, kif għamlu dawk ta' qablu ([4]), l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni aktar effettivi tal-liġi Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent, inkluż l-infurzar tar-regoli Komunitarji u t-teħid ta' azzjoni kontra l-ksur tal-liġi Komunitarja dwar l-ambjent.

(3) Fil-25 ta' Ġunju 1998 il-Komunità ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (*UNECE)* dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Århus"). Il-Komunità approvat il-Konvenzjoni ta' Århus fis-17 ta' Frar 2005. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja għandhom ikunu konsistenti ma' dik il-Konvenzjoni.

(4) Il-Komunità diġà adottat *corpus* ta' leġiżlazzjoni, li qiegħed jevolvi u li jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus. Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji.

(5) Huwa xieraq li jiġu kunsidrati t-tliet pilastri tal-Konvenzjoni ta' Århus, jiġifieri l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, f'liġi waħda u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet komuni fir-rigward ta' l-għanijiet u d-definizzjonijiet. Dan jikkontribwixxi għar-razzjonalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni u għaż-żieda fit-trasparenza tal-miżuri ta' implimentazzjoni meħuda fir-rigward ta' l-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji.

(6) Bħala prinċipju ġenerali, id-drittijiet garantiti mit-tliet kolonni tal-Konvenzjoni ta' Århus huma mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward ta' ċittadinanza, nazzjonalità jew domiċilju.

(7) Il-Konvenzjoni ta' Århus tiddefinixxi "awtoritajiet pubbliċi" f'sens wiesa', fejn il-kunċett bażiku huwa li kull fejn tiġi eżerċitata awtorità pubblika, għandu jkun hemm drittijiet għall-individwi u l-organizzazzjonijiet tagħhom. Huwa għalhekk neċessarju li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji koperti minn dan ir-Regolament jiġu definiti bl-istess mod ġenerali u funzjonali. Taħt il-Konvenzjoni ta' Århus, l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni meta jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva. Madankollu, għal raġunijiet ta' konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([5]), id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji meta jaġixxu f'kapaċità leġiżlattiva.

([1]) ĠU C 117, tat-30.4.2004. p. 52.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU C 123 E, tad-29.4.2004, p. 612), Pożizzjoni Komuni tat-18 ta' Lulju 2005, u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent (ĠU L 242, ta' l-10.9.2002, p. 1).

([4]) Ir-Raba' Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent (ĠU C 328, tas-7.12.1987, p. 1). Il-Ħames Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent (ĠU C 138, tas-17.5.1993, p. 1).

([5]) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

(8) Id-definizzjoni ta' informazzjoni dwar l-ambjent f'dan ir-Regolament tiġbor fiha informazzjoni fi kwalunkwe forma dwar l-istat ta' l-ambjent. Din id-definizzjoni, li ġiet allinjata mad-definizzjoni (ta' tagħrif dwar l-ambjent) adottata fid-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali ([1]), għandha l-istess kontenut ta' dik stabbilita fil-Konvenzjoni ta' Århus. Id-definizzjoni ta' "dokument" fir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tiġbor fiha informazzjoni dwar l-ambjent kif definit f'dan ir-Regolament.

(9) Huwa xieraq li dan ir-Regolament jipprovdi għal definizzjoni ta' "pjani u programmi" b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus, b'mod parallel ma' l-approċċ segwit fir-rigward ta' l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-liġi eżistenti tal-KE. Il-"pjanijiet u programmi relatati ma' l-ambjent" għandhom jiġu definiti fir-rigward tal-kontribut tagħhom, jew ta' l-effett sinifikattiv probabbli tagħhom, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ambjentali Komunitarja. Għall-perjodu ta' għaxar snin li jibda mit-22 ta' Lulju 2002, is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent jistabbilixxi l-għanijiet tal-politika ambjentali tal-Komunità u l-azzjonijiet ippjanati sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. Fit-tmiem ta' dan il-perjodu għandu jiġi adottat programm sussegwenti ta' azzjoni dwar l-ambjent.

(10) Minħabba l-fatt li l-liġi dwar l-ambjent qed tevolvi kontinwament, id-definizzjoni ta' 'liġi ambjentali' għandha tirriferi għall-għanijiet tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent kif stabbiliti fit-Trattat.

(11) Atti amministrattivi li għandhom applikazzjoni individwali għandhom ikunu miftuħa għall-possibbiltà ta' reviżjoni interna fejn dawn għandhom effetti esterni u li jorbtu legalment. Bl-istess mod, l-ommissjonijiet għandhom ikunu koperti fejn hemm l-obbligu li jiġi adottat att amministrattiv taħt il-liġi ambjentali. Billi l-atti adottati minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità, meta jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva, jistgħu jiġu eskluži, l-istess għandu japplika għal proċeduri oħra ta' inkjesta meta l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità jaġixxu bħala korpi amministrattivi ta' reviżjoni skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

(12) Il-Konvenzjoni ta' Århus issejjaħ għal aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent fuq xi talba jew permezz ta' tixrid attiv mill-awtoritajiet koperti mill-Konvenzjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 japplika għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill u għall-Kummissjoni, kif ukoll għal aġenziji u korpi simili stabbiliti minn att legali tal-Komunità. Dan jipprovdi regoli għal dawn l-istituzzjonijiet li jaqblu fil-parti l-kbira mar-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Århus. Huwa meħtieġ li tiġi estiża l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kollha tal-Komunità.

(13) Fejn il-Konvenzjoni ta' Århus fiha dispożizzjonijiet li ma jinstabux ukoll, b'mod sħiħ jew parzjali, fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, huwa meħtieġ li dawn jiġu indirizzati, b'mod parikolari fir-rigward tal-ġbir u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-ambjent.

(14) Sabiex id-dritt għall-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent ikun effettiv, huwa essenzjali informazzjoni ta' kwalità tajba dwar l-ambjent. Huwa għalhekk xieraq li jiġu introdotti regoli li jobbligaw lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jiżguraw tali kwalità.

(15) Fejn ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprevedi eċċezzjonijiet, dawn għandhom japplikaw, *mutatis mutandis,* għal talbiet għall-aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent taħt dan ir-Regolament. Ir-raġunijiet għal rifjut fir-rigward ta' l-aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, b'kont meħud ta' l-interess pubbliku fl-iżvelar u jekk l-informazzjoni mitluba tirrigwardax emissjonijiet fl-ambjent. It-terminu "interessi kummerċjali" jkopri ftehim ta' konfidenzjalità konkluži minn istituzzjonijiet jew korpi li jaġixxu f'kapaċità bankarja.

(16) Diġà ġie stabbilit, taħt id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' netwerk għas-sorveljanza epidemjoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità ([2]), netwerk fil-livell Komunitarju għall-promozzjoni ta' koperazzjoni u kordinazzjoni bejn l-Istati Membri, bl-assistenza tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġu mtejba l-prevenzjoni u l-kontroll fil-Komunità ta' numru ta' tipi ta' mard li jinxterdu. Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 ([3])tadotta programm Komunitarju ta' azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika li jikkomplementa l-linji politiċi nazzjonali. It-titjib ta' l-informazzjoni u tal-konoxxenza għall-iżvilupp tas-saħħa pubblika u t-titjib tal-kapaċità ta' rispons rapidu u b'mod kordinat għat-theddid għas-saħħa, li t-tnejn huma elementi ta' dan il-programm, huma għanijiet ugwalment konformi għal kollox mal-ħtiġijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus. Dan ir-Regolament għalhekk għandu idealment japplika bla preġudizzju għad-Deċiżjoni Nru. 2119/98/KE u d-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE.

([1]) ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 26.

([2]) ĠU L 268, tat-3.10.1998, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p.1).

([3]) ĠU L 271, tad-9.10.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 7).

(17) Il-Konvenzjoni ta' Århus tirrikjedi li l-Partijiet jadottaw dispożizzjonijiet li jippermettu li l-pubbliku jipparteċipa fit-tħejjija ta' pjani u programmi relatati ma' l-ambjent. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu termini ta' żmien raġonevoli sabiex il-pubbliku jiġi informat dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-ambjent in kwistjoni. Sabiex tkun effettiva, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku għandha sseħħ kmieni, meta l-possibbiltajiet kollha ta' għażla jkunu miftuħin. Meta jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku, l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji għandhom jidentifikaw il-pubbliku li jista' jipparteċipa.

(18) L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Århus jipprovdi għal aċċess għal proċeduri ġudiżżjarji jew proċeduri oħra ta' reviżjoni għall-kontestazzjoni ta' atti u ommissjonijiet minn persuni fiżiċi u minn awtoritajiet pubbliċi li jiksru dispożizzjonijiet tal-liġi relattivi għall-ambjent. Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja għandhom ikunu konsistenti mat-Trattat. Huwa xieraq f'dan il-kuntest li dan ir-Regolament jindirizza biss atti u ommissjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi.

(19) Sabiex jiġu żgurati rimedji adegwati u effettivi, inkużi dawk disponibbli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej taħt id-dispożizzjonijiet pertinenti tat-Trattat, huwa xieraq li tingħata l-opportunità lill-istituzzjoni Komunitarja jew lill-korp Komunitarju li ħarġu l-att li sejjer jiġi kkontestat, jew li, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, naqsu milli jaġixxu, li jerġgħu jikkonsidraw id-deċiżjoni preċedenti tagħhom, jew, fil-każ ta' ommissjoni li jaġixxu.

(20) Organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent li jissodisfaw ċerti kriterji, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li huma organizzazzjonijiet indipendenti bl-għan primarju li jippromwovu l-protezzjoni ta' l-ambjent, għandhom ikunu awtorizzati jitolbu reviżjoni interna fil-livell Komunitarju ta' atti adottati jew ta' ommissjonijiet taħt il-liġi ta' l-ambjent minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità bil-ħsieb ta' rikonsiderazzjoni mill-istituzzjoni jew korp in kwistjoni.

(21) Fejn ma ġewx milqugħa talbiet preċedenti għal reviżjoni interna, għandu jkun possibbli għall-organizzazzjoni mhux governattiva konċernata li ġġib azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

(22) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fondamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 37 tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

It-TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Għan

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-obbligi li jirriżultaw taħt il-Konvenzjoni ta' l-*UNECE* dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni Århus", billi jiġu stabbiliti regoli sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għall-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità, partikolarment billi:

(a) jiġi garantit id-dritt għall-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent riċevuta jew prodotta minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità u miżmuma minnhom, u billi jiġu stabbiliti t-termini u l-kondizzjonijiet bażiċi ta' l-eżerċizzju ta' dak id-dritt u l-arranġamenti prattiċi għall-istess eżerċizzju;

(b) jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-ambjent tiġi progressivament magħmula disponibbli u mxerrda lill-pubbliku sabiex jinkisbu kemm id-disponibbiltà kif ukoll it-tixrid sistematiċi l-aktar ampji tagħha. Għal dak il-għan għandu jiġi promoss, fejn disponibbli, l-użu, partikolarment, tat-teknoloġija informatika tat-telekomunikazzjoni u/jew elettronika;

(ċ) jsiru dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku fir-rigward ta' pjanijiet u programmi relatati ma' l-ambjent;

(d) jingħata aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fil-livell Komunitarju taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament.

2. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jassistu u jipprovdu gwida lill-pubbliku fir-rigward ta' l-aċċess għall-informazzjoni, tal-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "applikant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li titlob informazzjoni dwar l-ambjent;

(b) "il-pubbliku" tfisser persuna, jew persuni, fiżiċi jew ġuridii, u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi ta' tali persuni;

(ċ) "istituzzjoni jew korp tal-Komunità" tfisser kull istituzzjoni pubblika, korp, uffiċċju jew aġenzija stabbiliti mit-Trattat jew abbażi ta' l-istess Trattat ħlief meta jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva. Madankollu, id-dispożizzjonijiet taħt it-Titlu II għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità meta dawn jaġixxu f'kapaċità leġiżlattiva;

(d) "informazzjoni dwar l-ambjent" tfisser kull informazzjoni f'għamla miktuba, li tidher, li tinstema', elettronika jew fi kwalunkwe forma materjali oħra dwar:

(i) l-istat ta' l-elementi ta' l-ambjent, bħalma huma l-arja u l-atmosfera, l-ilma, il-ħamrija, il-pajżaġġ u s-siti naturali inklużi l-artijiet mistagħdra, iż-żoni kostali u marini, id-diversità bijoloġika u l-komponenti tagħha, inklużi organiżmi ġenetikament modifikati, u l-interazzjoni fost dawn l-elementi;

(ii) fatturi, bħalma huma s-sustanzi, l-enerġija, il-ħsejjes, ir-radjazzjoni jew l-iskart, inklużi l-iskart radjuattiv, l-emissjonijiet, l-iskarigi u ħruġ ieħor fl-ambjent, li jaffettwaw jew x'aktarx jaffettwaw l-elementi ta' l-ambjent msemmija fil-punt (i);

(iii) miżuri (inklużi l-miżuri amministrattivi), bħalma huma l-linji politiċi, il-leġiżlazzjoni, il-pjanijiet, il-programmi, il-ftehim ambjentali, u l-attivitajiet li jaffettwaw jew li x'aktarx jaffettwaw l-elementi u l-fatturi msemmija fil-punti (i) u (ii) kif ukoll miżuri jew attivitajiet intiżi sabiex jipproteġu dawn l-elementi;

(iv) rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-ambjent;

(v) l-analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji u analiżi u ipotesi ekonomiċi oħra wżati fil-qafas tal-miżuri u l-attivitajiet imsemmija fil-punt (iii); u

(vi) l-istat tas-saħħa u tas-sigurtà tal-bniedem, inklużi t-tniġġiż tal-katina alimentari, fejn rilevanti, il-kondizzjonijiet tal-ħajja tal-bniedem, is-siti kulturali u l-istrutturi mibnija safejn jistgħu jaffettwaw jew jiġu affettwati mill-istat ta' l-elementi ta' l-ambjent imsemmija fil-punt (i) jew, permezz ta' dawn l-elementi, minn kwalunkwe materja msemmija fil-punti (ii) u (iii).

(e) "pjanijiet u programmi relatati ma' l-ambjent" tfisser pjanijiet u programmi,

(i) li huma soġġetti għall-preparazzjoni u, skond il-każ, l-adozzjoni minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità;

(ii) li huma meħtieġa taħt dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi; u

(iii) li jikkontribwixxu jew li jistgħu isarrfu sinifikattivament għall-kisba ta' l-objettivi tal-politika ambjentali Komunitarja, bħal dawk stabbiliti fis-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent, jew fi kwalunkwe programm ġenerali ta' azzjoni ambjentali sussegwenti.

Il-programmi ġenerali ta' azzjoni ambjentali għandhom ukoll jiġu kkunsidrati bħala pjanijiet u programmi relatati ma' l-ambjent.

Din id-definizzjoni m'għandhiex tinkludi pjanijiet u programmi finanzjarji, bankarji jew tal-baġit, jiġifieri dawk li jistabbilixxu kif għandhom jiġu finanzjati proġetti jew attivitajiet partikolari, jew dawk relatati mal-baġits annwali proposti, programmi interni ta' xogħol ta' xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità, jew pjanijiet u programmi ta' emerġenza magħmula għall-għan waħdieni tal-protezzjoni ċivili;

(f) "liġi ambjentali" tfisser leġiżlazzjoni Komunitarja li, irrispettivament mill-bażi legali tagħha, tikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għanijiet tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent kif stabbiliti fit-Trattat: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-użu prudenti u razzjonali ta' risorsi naturali, u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija;

(g) "att amministrattiv" tfisser kwalunkwe miżura ta' ambitu individwali taħt il-liġi ambjentali, meħuda minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità, u li għandha effetti esterni u li jorbtu legalment;

(h) "ommissjoni amministrattiva" tfisser kwalunkwe nuqqas minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità milli jadottaw xi att amministrattiv kif definit fil-punt (g).

2. Atti amministrattivi u ommissjonijiet amministrattivi ma għandhomx jinkludu miżuri meħuda jew ommissjonijiet minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità fil-kapaċità tagħhom bħala korpi amministrattivi ta' reviżjoni, bħal taħt:

(a) l-Artikoli 81,82, 86 u 87 tat-Trattat (regoli tal-kompetizzjoni);

(b) l-Artikoli 226 u 228 tat-Trattat (proċeduri fuq ksur ta' liġi);

(ċ) l-Artikolu 195 tat-Trattat (proċeduri ta' l-Ombudsman);

(d) l-Artikolu 280 tat-Trattat (proċeduri ta' l-*OLAF*).

TITOLU II

AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI DWAR L-AMBJENT

Artikolu 3

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika għal kwalunkwe talba minn applikant għal aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent fil-pussess ta' istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità minghajr diskriminazzjoni fir-rigward ta' ċittadinanza, nazzjonalità jew domiċilju u, fil-każ ta' persuna ġuridika, minghajr diskriminazzjoni dwar fejn hija reġistrata jew fejn ikun iċ-ċentru effettiv ta' l-attivitajiet tagħha.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kelma "istituzzjoni" fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandha tinqara bħala "istituzzjoni jew korp tal-Komunità".

Artikolu 4

Ġbir u tixrid ta' informazzjoni dwar l-ambjent

1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jorganizzaw l-informazzjoni dwar l-ambjent pertinenti għall-funzjonijiet tagħhom u li tinsab fil-pussess tagħhom, bil-għan li tiġi mxerrda lill-pubbliku b'mod attiv u sistematiku, partikolarment permezz tat-teknoloġija informatika tat-telekomunikazzjoni u/jew elettronika skond l-Artikolu 11(1) u (2), u l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Huma għandhom jagħmlu din l-informazzjoni dwar l-ambjent progressivament disponibbli f'*databases* elettroniċi li huma faċilment aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' netwerks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni. Għal dak il-għan, huma għandhom iqiegħdu din l-informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minnhom f'*databases* u jattrezzaw dawn b'għajnuniet għat-tiftix u forom oħra ta' *software* maħsuba sabiex jgħinu lill-pubbliku jsib l-informazzjoni li għandu bżonn.

M'hemmx bżonn li l-informazzjoni provduta permezz tat-teknoloġija informatika tat-telekomunikazzjoni u/jew elettronika tinkludi l-informazzjoni miġbura qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sakemm din mhijiex diġa' disponibbli f'forma elettronika.

L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli sabiex iżommu l-informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minnhom f'forom jew f'formati li jistgħu jiġu riprodotti faċilment u li huma aċċessibbli bil-mezzi kompjuterizzati tat-telekomunikazzjoni jew b'mezzi oħra elettroniċi.

2. L-informazzjoni dwar l-ambjent li għandha ssir disponibbli u tiġi mxerrda għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ. Barra d-dokumenti elenkati fl-Artikolu 12(2) u (3) u l-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, id-*databases* jew ir-reġistri għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) testi ta' trattati internazzjonali, konvenzjonijiet jew ftehim, u tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ambjent jew relatata miegħu, u ta' linji politiċi, pjanijiet u programmi relatati ma' l-ambjent;

(b) rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni ta' l-elementi msemmija fil-punt (a) fejn ikunu preparati jew miżmuma f'forma elettronika mill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità;

(ċ) rapporti dwar l-istat ta' l-ambjent kif imsemmi fil-paragrafu 4;

(d) *data* jew riassunti ta' *data* meħuda mill-monitoraġġ ta' attivitajiet li jaffettwaw, jew li jistgħu jaffettwaw, l-ambjent;

(e) awtorizzazzjonijiet b'impatt sinifikattiv fuq l-ambjent u ftehim dwar l-ambjent, jew riferenza għall-post fejn tista' tintalab jew tinkiseb tali informazzjoni;

(f) studji dwar l-impatt fuq l-ambjent u l-istima tar-riskji li jirrigwardaw elementi ambjentali, jew riferenza għall-post fejn tista' tintalab jew tinkiseb tali informazzjoni.

3. Fejn ikun opportun, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 billi joħolqu kollegamenti ma' siti ta' l-Internet fejn tista' tinstab l-informazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, f'intervalli regolari li ma jaqbżux erba' snin, jiġi pubblikat u mxerred rapport dwar l-istat ta' l-ambjent, inkluża informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-ambjent u l-pressjonijiet fuqu.

Artikolu 5

Kwalità ta' l-informazzjoni dwar l-ambjent

1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom, safejn ikun fis-setgħa tagħhom, jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni miġbura minnhom tkun aġġornata, preċiża u komparabbli.

2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom, meta jiġu mitluba, jinfurmaw lill-applikant bil-post fejn tista' tinstab, jekk tkun disponibbli, informazzjoni dwar il-proċeduri ta' kejl, inklużi l-metodi ta' analiżi, ta' teħid ta' kampjuni u ta' pre-trattament ta' kampjuni, użati fil-ġbir ta' l-informazzjoni. Alternattivament, huma jistgħu jirreferuh għall-proċedura standardizzata li ġiet użata.

Artikolu 6

Applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet fir-rigward ta' talbiet għall-aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent

1. Fir-rigward ta' l-ewwel inċiż ta' l-Arikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għandu jitqies li jeżisti interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar fejn l-informazzjoni mitluba tkun konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent. Fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-fatt li l-informazzjoni mitluba tkun konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent għandu jiġi partikolarment kunsidrat fejn jiġi deċiż jekk hemmx jew le interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar.

2. Barra mill-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jistgħu jirrifjutaw aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent fejn l-iżvelar ta' l-informazzjoni jolqot ħażin il-protezzjoni ta' l-ambjent li għalih tirriferi l-informazzjoni, bħas-siti tat-trobbija ta' speċi rari.

3. Meta istituzzjoni jew korp tal-Komunità għandhom f'idejhom informazzjoni dwar l-ambjent li toriġina minn Stat Membru għandhom jikkonsultaw ma' dak l-Istat Membru u għandhom japplikaw kwalunkwe eċċezzjonijiet pertinenti taħt il-liġi Komunitarja. L-istituzzjoni jew il-korp konċernati għandhom jirrilaxxaw l-informazzjoni jekk ma tkun tapplika l-ebda eċċezzjoni.

Artikolu 7

Talbiet għal aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent li mhijiex fil-pussess ta' istituzzjoni jew korp tal-Komunità

Fejn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità jirċievu talba għal aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent u fejn din l-informazzjoni ma tkunx fil-pussess ta' dik l-istituzzjoni jew ta' dak il-korp tal-Komunità, dawn għandhom, malajr kemm jista' jkun, jinformaw lill-applikant b'dik l-istituzzjoni jew b'dak il-korp tal-Komunità jew bl-awtorità pubblika fis-sens tad-Direttiva 2003/4/KE li minn għandhom huma jemmnu li tista tinkiseb l-informazzjoni mitluba, jew jittrasferixxu t-talba lill-istituzzjoni jew korp tal-Komunità jew lill-awtorità pubblika pertinenti u jinformaw lill-applikant bl-istess.

Artikolu 8

Koperazzjoni

Fil-każ ta' theddida imminenti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, kemm jekk ikkawżata minn attivitajiet tal-bniedem kif ukoll jekk dovuta għal kawżi naturali, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom, fuq talba ta' l-awtoritajiet pubbliċi fis-sens tad-Direttiva 2003/4/KE, jikkollaboraw ma' dawk l-awtoritajiet pubbliċi u jassistuhom sabiex dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jxerrdu minnufih u mingħajr dewmien lill-pubbliku, li jista' jintlaqat, l-informazzjoni kollha dwar l-ambjent li tista' tgħinu jieħu miżuri sabiex jimpedixxi jew inaqqas l-ħsara kawżata mit-theddida, safejn din l-informazzjoni tkun fil-pussess, jew miżmuma għan-nom, ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u/jew dawk l-awtoritajiet pubbliċi.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu speċifiku stabbilit fil-liġi Komunitarja, partikolarment bid-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE u bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE.

It-TITOLU III

PARTEĊIPAZZJONI TAL-PUBBLIKU FIR-RIGWARD TA' PJANIJIET U PROGRAMMI RELATATI MA' L-AMBJENT

Artikolu 9

1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jipprovdu, permezz ta' dispożizzjonijiet prattiċi u/jew oħrajn adegwati, opportunitajiet bikrija u effettivi għall-pubbliku sabiex jipparteċipa matul il-preparazzjoni, il-modifika jew ir-reviżjoni tal-pjanijiet jew programmi relatati ma' l-ambjent meta l-għażliet kollha ikunu għadhom miftuħa. Partikolarment fejn il-Kummissjoni tipprepara proposta għal tali pjan jew programm li tiġi preżentata lil istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-Komunità għal deċiżjoni, hija għandha tipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku f'dak l-istadju preparatorju.

2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jidentifikaw il-pubbliku milqut jew li probabbilment jiġi milqut minn xi pjan jew programm tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1, jew li jkollu interess fih, b'kont meħud ta' l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jiżguraw li l-pubbliku msemmi fil-paragrafu 2 jiġi nformat, jew permezz ta' avviżi pubbliċi jew b'mezzi oħra adatti, bħal mezzi elettroniċi fejn disponibbli, b'dawn li ġejjin:

(a) l-abbozz tal-proposta, fejn disponibbli;

(b) l-informazzjoni dwar l-ambjent jew l-istima ambjentali pertinenti għall-pjan jew programm li jkun qiegħed jiġi preparat, fejn disponibbli; u

(ċ) arranġamenti prattiċi għall-parteċipazzjoni, inklużi:

(i) l-entità amministrattiva li minnha tista' tinkiseb l-informazzjoni pertinenti,

(ii) l-entità amministrattiva li lilha jistgħu jiġu preżentati kummenti, opinjonijiet jew mistoqsijiet, u

(iii) limiti kronoloġiċi raġonevoli li jagħtu żmien suffiċjenti lill-pubbliku sabiex jinforma ruħu u jipprepara u jipparteċipa effettivament fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ambjent.

4. Għandu jiġi ffissat limitu ta' żmien perentorju ta' mhux inqas minn erba' ġimgħat sabiex jiġu milqugħa kummenti. Fejn jiġu organizzati laqgħat jew udjenzi, għandu jingħata avviż minn qabel ta' mhux inqas minn erba' ġimgħat. Il-limiti ta' żmien perentorji jistgħu jitnaqqsu f'każijiet urġenti jew fejn il-pubbliku diġa' kellu l-opportunità li jikkummenta dwar il-pjan jew programm in kwistjoni.

It-TITOLU IV

REVIŻJONI INTERNA U AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

Artikolu 10

Talba għal reviżjoni interna ta' l-atti amministrattivi

1. Kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 għandha d-dritt li tagħmel talba għal reviżjoni interna lill-istituzzjoni jew korp tal-Komunità li adottaw att amministrattiv taħt xi liġi ambjentali jew, f'każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, li kellhom jadottaw tali att.

Tali talba għandha ssir bil-miktub u f'limitu ta' żmien perentorju li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat wara li l-att amministrattiv ikun ġie adottat, notifikat jew pubblikat skond liema jkun l-aktar tard, jew, f'każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni, erba' ġimgħat wara d-data li fiha l-att amministrattiv kien meħtieġ. It-talba għandha tinkludi r-raġunijiet għar-reviżjoni.

2. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkunsidraw kull talba bħal din, sakemm hija ma tkunx b'mod ċar infondata. L-istituzzjoni jew korp tal-Komunità għandhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom f'risposta bil-miktub malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa wara r-riċezzjoni tat-talba.

3. Fejn, minkejja l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità ma jkunux jistgħu jaġixxu skond il-paragrafu 2, huma għandhom jinformaw lill-organizzazzjoni mhux governattiva li għamlet it-talba malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-perjodu msemmi f'dak il-paragrafu, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom u dwar meta għandhom il-ħsieb li jaġixxu.

Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità għandhom jaġixxu fi żmien tmintax-il ġimgħa mir-riċezzjoni tat-talba.

Artikolu 11

Kriterji għal dritt fil-livell Komunitarju

1. Organizzazzjoni mhux governattiva għandha d-dritt li tagħmel talba għal reviżjoni interna skond l-Artikolu 10, kemm-il darba:

(a) tkun persuna ġuridika, indipendenti u mingħajr fini ta' profitt skond il-liġi nazzjonali jew il-prassi ta' Stat Membru;

(b) ikollha l-għan primarju dikjarat li tippromwovi l-protezzjoni ta' l-ambjent fil-kuntest tal-liġi ambjentali;

(ċ) tkun ilha teżisti għal aktar minn sentejn u tkun qiegħda ssegwi b'mod attiv l-għan imsemmi fil-punt (b);

(d) is-suġġett li dwaru ssir it-talba għal reviżjoni interna jinsab fl-ambitu ta' l-għan u ta' l-attivitajiet tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex tiżgura l-applikazzjoni trasparenti u konsistenti tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 12

Proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

1. L-organizzazzjoni mhux governattiva li għamlet it-talba għal reviżjoni interna skond l-Artikolu 10 tista' ġġib azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond id-dispożizzjonijiet pertinenti tat-Trattat.

2. Fejn l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità jonqsu milli jaġixxu skond l-Artikolu 10(2) jew (3), l-organizzazzjoni mhux governattiva tista' ġġib azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond id-dispożizzjonijiet pertinenti tat-Trattat.

It-TITOLU V

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Miżuri ta' applikazzjoni

Fejn ikun meħtieġ, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom jadattaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn l-adattamenti għandhom ikollhom effett minn..... (*).

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih ikun ġie pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn..... (**).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
…

Għall-Kunsill
Il-President
…

(*) …
(**) …

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-KE fit-28 ta' Ottubru 2003.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni tiegħu mid-29 ta' Marzu sa l-1 ta' April 2004.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu fit-29 ta' April 2004. ([1])

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu fi 18 ta' Lulju 2005.

II. OBJETTIV

Ir-Regolament propost għandu l-għan li japplika l-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Århus għall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, billi jintroduċi qafas ta' ħtiġiet għall-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali f'livell Komunitarju. Hu għalhekk jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-objettivi tal-politika ambjentali Komunitarja deskritti fl-Artikolu 174(1) Trattat tal-KE. Fl-aħħarnett, l-adozzjoni tal-proposta attwali għal Regolament tkun turi fuq livell globali li l-Komunità Ewropea hi determinata li tassumi r-responsabbiltajiet tagħha fi kwistjonijiet ambjentali.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

1. Ġenerali

Il-pożizzjoni komuni tinkorpora numru ta' emendi mill-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, verbatim, parzjalment jew fl-ispirtu. B'mod partikolari, il-ħtiġiet proċedurali li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jridu jissodisfaw fir-rigward ta' informazzjoni tal-pubbliku u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet ġew iċċarati u mtejba. Fir-rigward ta' l-aċċess għall-ġustizzja, il-kriterji għad-dritt li ssir talba għal reviżjoni interna ġew issemplifikati. Entitajiet kwalifikati (issa ddefiniti bħala NGOs li jissodisfaw il-kriterji rilevanti) mhumiex aktar meħtieġa li jkunu attivi f'livell Komunitarju per se, iżda kwalunkwe talba trid tindirizza kwistjonijiet ta' livell Komunitarju, jiġifieri tkun konsistenti mad-definizzjoni tal-liġi ambjentali kif tidher fl-Artikolu 2 (f).

Madankollu, emendi oħrajn mhumiex riflessi fil-pożizzjoni komuni peress li l-Kunsill qabel li ma kinux meħtieġa u/jew mixtieqa jew peress li thassru jew ġew abbozzati mill-ġdid b'mod eżawrjenti dispożizzjonijiet mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.

Il-pożizzjoni komuni tinkludi wkoll bidliet li mhumiex dawk maħsuba fl-opinjoni ta' l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew. Barra minn dan, numru ta' bidliet ta' abbozzar ġew introdotti biex jiġi ċċarat it-test jew biex tiġi żgurata l-koerenza ġenerali tar-Regolament.

2. Speċifiku

B'mod partikolari, il-Kunsill qabel li:

— **l-emendi 39, 40 u 41** ma kinux aċċettabbli peress li l-iżvilupp sostenibbli hu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u mhux konformi ma' l-Artikolu 174 tat-Trattat tal-KE fir-rigward ta' l-objettivi tal-politika ambjentali;

([1]) ĠU C 117, tat-30.4.2004, p. 52.

— **l-emenda 1** kienet koperta mill-formulazzjoni tal-premessa 7;

— **l-emenda 56** setgħet ħolqot reġim ta' eżenzjonijiet sovrapost: ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi qafas suffiċjenti sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Konvenzjoni;

— **l-emendi 3 u 7 u 10** marru lil hinn mill-ħtiġiet tal-Konvenzjoni ta' Århus u għalhekk ma kinux meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità;

— **l-emenda 5** ma kienet marbuta ma' ebda dispożizzjoni speċifika fir-Regolament; it-tħassib dwar il-fatt li l-proċeduri għandhom jiġu simplifikati hu sodisfatt b'mod partikolari mill-Artikoli 10-12 fil-pożizzjoni komuni;

— **l-emendi 8 u 44** ma kinux aktar rilevanti peress li l-kunċett ta' "entità kwalifikata" tħassret mit-test;

— **l-emenda 9** ma kinetx aċċettabbli peress li d-definizzjoni ta' "informazzjoni ambjentali" li tidher fil-pożizzjoni komuni ttieħdet mid-Direttiva 2003/4/KE dwar l-Aċċess għal informazzjoni fil-qasam ta' l-ambjent;

— **l-emenda 16** marret lil hinn mid-dispożizzjonijiet dwar it-tixrid ta' informazzjoni li jinsabu fid-Direttiva 2003/4/KE u kieku kienet tinvolvi piż amministrattiv mhux meħtieġ;

— **l-emendi 17 u 19** tennew dispożizzjonijiet diġà ċari fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;

— **l-emendi 21, 22 u 23** dehru wisq preskrittivi: għandu jitħalla f'idejn l-istituzzjonijiet u l-korpi biex jiġi determinat il-kif iridu jieħdu kont tar-riżultati tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku, abbażi ta' prinċipji ġenerali stabbiliti fir-regolament;

— **l-emenda 25** ma setgħetx tiġi aċċettata peress li setgħet tnaqqas il-pass tal-proċeduri b'mod konsiderevoli;

— **l-emendi 30, 42, 47, 48, 49, 50, 52 u 53** ma kinux aċċettabbli peress li l-Konvenzjoni ta' Århus tħalli f'idejn il-Partijiet biex jiġu determinati l-modalitajiet biex jingħata aċċess għall-ġustizzja. Barra mill-fatt li tillimita l-kunċett ta' "entità kwalifikata" fir-rigward ta' NGOs li jissodisfaw numru ta' kondizzjonijiet, il-pożizzjoni Komuni żżomm bir-reqqa mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 230(4) u 232(3) tat-Trattat tal-KE, li huma biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità;

— **l-emenda 51** ma kenitx meħtieġa peress li l-modalitajiet ta' aċċess għall-Ombudsman, kif imniżżla fl-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, huma biżżejjed biex jiżguraw konformità mal-Konvenzjoni u għalhekk m'għandux ikun hemm interferenza magħhom;

— Xi elementi ta' l-**emendi 33, 35 u 58** ġew adottati. Madankollu, iż-żieda ta' referenza għall-iżvilupp sostenibbli, ġiet meqjusa bħala mhux adegwata fil-kuntest attwali, fir-rigward tad-definizzjoni tal-liġi ambjentali, kif imfisser hawn fuq fir-rigward ta' l-emendi 39, 40 u 41. Barra minn hekk, il-pożizzjoni komuni tiżgura li l-kriterji għad-dritt li ssir talba (issa l-Artikolu 11) jevitaw ambigwitajiet legali;

— **l-emenda 36** tilfet ir-rilevanza tagħha peress li l-Artikolu li jikkorrispondi ġie mħassar (l-Artikolu 13 fil-proposta inizjali), u minħabba l-abbozzar mill-ġdid ta' dak li qabel kien l-Artikolu 12 (issa l-Artikolu 11);

— **l-emendi 37 u 38** għandhom jiġu rifjutati peress li mhux l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji kollha ser ikollhom b'mod awtomatiku jadattaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom. Jekk ikun jeħtieġ li jagħmlu dan, ikun irid jingħata ħin suffiċjenti għal dak l-iskop, fejn meħtieġ, u, sussegwentement, biex jiġi applikat ir-regolament il-ġdid.

IV. **KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni komuni tirrappreżenta pakkett ta' miżuri ibbilanċjat li jkun jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-objettivi tal-politika ambjentali Komunitarja deskritta fl-Artikolu 174(1) Trattat tal-KE waqt li tiġi żgurata l-konformità mal-ħtiġiet tal-Konvenzjoni ta' Århus u l-kompatibbiltà mal-leġislazzjoni rilevanti diġà fis-seħħ, partikolarment ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, mingħajr ma jinħolqu spejjeż mhux ġustifikati.

Jistenna bil-ħerqa diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb ta' l-adozzjoni bikrija tar-Regolament.